

Rapport Annwali Konsolidat tal- Attività 2023

Sommarju

Rapport Annwali Konsolidat tal-Attività 2023 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil

Ġunju 2024

Sommarju



Il-manuskritt għe kkompletat f'Ġunju 2023

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem l-EUAA ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

MT PDF ISBN 978-92-9410-250-8 doi: 10.2847/491781 BZ-09-24-325-MT-N

© L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2024

Ritratt/illustrazzjoni tal-qoxra: 3D modern wave curve abstract presentation background. Luxury paper cut background. Abstract decoration, blue yellow pattern, Vector illustration. High contract yellow and blue corporate background, Aanand, © Adobe Stock, 2024, <https://stock.adobe.com/images/3d-modern-wave-curve-abstract-presentation-background-luxury-paper-cut-background-abstract-decoration-blue-yellow-pattern-vector-illustration-high-contract-yellow-and-blue-corporate-background/732697953>.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li ma jkunx taħt id-dritt tal-awtur tal-EUAA, irid jintalab permess direttament mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

I. Is-sena fil-qosor

Fl-2023, aktar minn **1.1 miljun applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali** ġew ippreżentati f'29 pajjiż tal-UE+ ⁽¹⁾, li jikkorrispondu għal żieda ta' 18 % meta mqabbla mas-sena preċedenti u l-ogħla numru mill-2016 ⁽²⁾.

Barra minn hekk, il-pajjiżi tal-UE+ ħarġu aktar minn 1 miljun deċiżjoni li tagħti protezzjoni temporanja lin-nies li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna ⁽³⁾.

F'dan l-isfond, l-EUAA żiedet l-**assistenza operazzjonali u teknika** tagħha, billi skjerat l-ekwivalenti ta' 1 038 persuna li jaħdmu full-time fi 13-il Stat Membru (+ 19 % meta mqabbel mal-2022).

Illustrazzjoni 1. Operazzjonijiet tal-EUAA fl-2023



L-Italja u Ċipru raw l-ogħla żieda fil-persunal f'termini assoluti, filwaqt li r-riżorsi żdiedu b'aktar mid-doppju fi Spanja, il-Belġju u n-Netherlands.

Aġġornamenti regolari dwar l-operazzjonijiet kollha tal-pajjiżi tal-EUAA jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Aġenzija.

It-**Taħriġ** baqa' ċentrali f'dak li jirrigwarda l-appoġġ tal-Aġenzija lill-pajjiżi tal-UE+, bl-għan li jinnbnew u jiġu kkonsolidati l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-sistema Ewropea komuni tal-ażil, filwaqt li jittejbu u jiġu armonizzati l-prattiki nazzjonali.

Permezz ta' kważi 1 000 sessjoni, fl-2023 l-EUAA ħarrġet aktar minn 7 500 uffiċjal tal-awtoritajiet tal-pajjiżi tal-UE+, skjerat persunal tal-EUAA u atturi tas-soċjetà ċivili.


⁽¹⁾ Il-pajjiżi tal-UE, flimkien man-Norveġja u l-Iżvizzera.

⁽²⁾ L-aktar rapport reċenti dwar ix-xejriet tal-ażil 2023 tal-EUAA.

⁽³⁾ Eurostat "Decisions granting temporary protection by citizenship, age and sex – monthly data (Deċiżjonijiet li jaġhtu protezzjoni temporanja skont iċ-ċittadinanza, l-età u s-sess – data ta' kull xahar)" (15 ta' Marzu 2024).



Illustrazzjoni 2. Taħriġ tal-EUAA fl-2023



Fil-qasam tal-**għarfien dwar l-ażil**, ir-rapport annwali dwar l-ażil tal-EUAA, li ġie ppubblikat f'Lulju 2023, kien fih funzjonalitajiet interattivi ġodda fil-verżjoni web tiegħu biex jiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni tal-bażi tad-*data* nazzjonali dwar l-iżviluppi tal-ażil.

Ix-xogħol fuq l-**informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini (COI)** u l-**informazzjoni medika dwar il-pajjiż ta' oriġini (MedCOI)** intensifikat, b'attenzjoni partikolari ddedikata għall-monitoraġġ tas-sitwazzjoni fl-Afganistan u l-Ukrajna. L-EUAA stabbiliet helpdesk tas-COI li jipprovdni appoġġ għall-attivitajiet operazzjonali tagħha fl-Istati Membri l-aktar esposti u kważi l-mistoqsijiet tal-MedCOI tal-Istati Membri individwali kollha ġew indirizzati, minkejja żieda ta' 20 % fl-għadd tagħhom, meta mqabbla mal-2022.

Barra minn hekk, fl-2023 l-Aġenzija kkonkludiet, flimkien mal-pajjiżi tal-UE+, l-aġġornamenti tal-**gwida tal-pajjiż** dwar l-Afganistan, is-Somalja u s-Sirja.

L-EUAA rnexxielha tissodisfa d-domanda akbar ta' prodotti ta' **għarfien tas-sitwazzjoni**, filwaqt li pproċessat darbtejn aktar it-talbiet mis-sena l-oħra u tejbet il-monitoraġġ u l-analiżi tad-*data* dwar il-kapaċitajiet ta' akkoljenza u l-flussi migratorji.

Il-kooperazzjoni Prattika u l-iskambju tal-aħjar Prattiki fost l-Istati Membri ġew imrawma permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma, żjarat ta' studju u laqgħat tekniċi. Sabiex timmassimizza l-effett ta' tali skambji, l-Aġenzija żviluppat jew aġġornat total ta' 23 gwida u għodda li jappoġġaw l-implimentazzjoni Prattika tas-sistema Ewropea komuni tal-ażil.

Barra minn hekk, għodod Prattiki u metodoloġija rakkomandata dwar l-għoti ta' informazzjoni fl-ażil saru disponibbli għall-partijiet ikkonċernati permezz tal-portal li għadu kif tnieda "Let's speak asylum".

X'inhom d-differenza bejn is-COI u l-gwida tal-pajjiż?

Filwaqt li s-COI tirreferi għal **informazzjoni** relatata ma' pajjiż ta' oriġini partikolari, il-gwida tal-pajjiż hija l-**valutazzjoni** ta' dik is-sitwazzjoni, fid-dawl tad-dritt internazzjonali u tal-UE applikabbli.


Għalhekk, is-COI tirrappreżenta l-bażi fattwali għal valutazzjoni fil-forma ta' analiżi komuni.



Il-kontribut tal-Aġenzija għad-**dimensjoni esterna** tas-SEKA ġie kkonfermat mill-ġdid permezz tal-adozzjoni, f'Marzu, ta' strategġija ta' kooperazzjoni esterna aġġornata, mibnija fuq żewġ pilastri:

1. risistemazzjoni u ammissjoni umanitarja;
2. appoġġ lil pajjiżi terzi.

Illustrazzjoni 3. Pilastri tal-istrategġija ta' kooperazzjoni esterna tal-EUAA



L-Aġenzija kompliet tappoġġa l-operazzjonijiet ta' **risistemazzjoni** tal-pajjiżi tal-UE+ permezz tal-Faċilità ta' Appoġġ għar-Risistemazzjoni tagħha fit-Turkija. Fost l-1 100 persuna meġhjna, is-Sirjani kienu l-aktar rappreżentati, segwiti mill-Afgani u l-Iranjani.

F'Jannar 2023 l-EUAA assumiet il-**presidenza annwali tan-Network tal-Aġenziji tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni**. Flimkien ma' ħafna attivitajiet oħra, dettaljati fir-rapport finali tal-presidenza tal-EUAA, l-Aġenzija wettqet l-ewwel skambju tal-persunal li qatt sar fi ħdan in-network, b'59 membru tal-persunal minn 6 aġenziji jiġu skjerati temporanjament għal aġenzija oħra tan-network biex jikkondividu l-għarfien u l-kompetenza espert.

Il-programm ta' ħidma 2023 tal-EUAA kien strutturat madwar **41 objettiv annwali**.

Tabella 1. Status tal-objettivi annwali diżaggregati skont il-qasam ta' attività

Oqsma ta' attività	Status tal-objettivi annwali					
	Milħuqa bis-sħiħ	Kważi milħuqa	Parzjalment milħuqa	Mhux milħuqa	MA	Total
Assistenza operazzjonali u teknika	8	1	0	0	0	9
Appoġġ u għodod operazzjonali, programmazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-operazzjonijiet	2	0	1	0	0	3
Taħriġ u żvilupp professjonali	7	0	0	1	0	8
Għarfien dwar l-ażil	6	2	2	0	0	10
Protezzjoni tad-drittijiet fundamentali	1	0	0	0	0	1



Oqsma ta' attività	Status tal-objettivi annwali					
	Milħuqa bis-sħiħ	Kważi milħuqa	Parzjalment milħuqa	Mhux milħuqa	MA	Total
Attivitajiet orizzontali	4	1	1	3	1	10
Total	28	4	4	4	1	41



II. Informazzjoni baġitarja u finanzjarja

Il-baġit tal-EUAA għas-sena 2023, kif jirriżulta mid-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni 2023–2025, Emenda 1, tad-19 ta' Diċembru 2022, kien jammonta għal EUR 180.1 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

B'segwitu għall-emenda baġitarja adottata mill-Bord tat-Tmexxija fil-25 ta' Settembru 2023, il-baġit tal-Aġenzija għall-2023 tnaqqas għal **EUR 165 135 127 f'appropriazzjonijiet ta' impenn** u għal **EUR 170 135 127 f'appropriazzjonijiet ta' pagament**.

Dan l-ammont jirreferi biss għal fondi riċevuti mill-baġit tal-UE. Ma jinkludix id-dħul addizzjonali li ġej minn sorsi oħra, li ma kienx kompletament kwantifikabbli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-emenda u għalhekk ġie indikat fil-baġit tal-EUAA b'token ġeneriku p.m. ⁽⁴⁾.

Id-dħul tal-Aġenzija kien jikkonsisti kif ġej:

- sussidju mill-baġit tal-UE;
- kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi assoċjati ma' Schengen, jiġifieri l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera, u l-imgħax akkumulat tagħhom;
- fondi mogħtija skont żewġ ftehimiet ta' kontribuzzjoni ffirmati mal-Kummissjoni;
- introjtu mill-imgħax akkumulat mill-kontribuzzjonijiet ipprovduti miċ-Ċekja u mid-Danimarka fl-2022.

Tabella 2. Id-dħul tal-2023 għal kull sors ta' finanzjament, esklużi l-ammonti riportati mis-snin preċedenti (ċifri mqarriba għan-numru sħiħ li jmiss).

Titolu tal-baġit	Sors tal-finanzjament	Dħul fil-baġit (EUR)	Dħul wara li jiġu definiti t-tokens p.m. (EUR)	Dħul riċevut (EUR)	Bilanċ li jifdal (EUR)
2	Sussidju mill-baġit tal-UE	170 135 127	170 135 127	170 135 127	0
3	Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati ma' Schengen (inkluż l-imgħax akkumulat)	p.m.	15 089 751	15 089 751	0
4	Kontribuzzjonijiet oħrajn (inkluż l-imgħax akkumulat)	p.m.	2 071 144	2 071 144	0
5	Dħul ieħor/irkupru ta' spejjeż, introjtu mill-imgħax	p.m.	320 460	291 210	29 250
Introjtu totali		170 135 127	187 616 482	187 587 232	29 250

Fl-2023 l-Aġenzija implimentat 97 % tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u eżegwiet 93 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament li ġejjin mis-sussidju tal-UE.

⁽⁴⁾ p.m. tfisser *pro memoria* u tindika li l-ammont jista' jiġi assenjat lill-baġit, anki jekk ma jkunx ċar x'se jkun dak l-ammont, jew jekk ikunx jeżisti.



III. Riżorsi umani, kontroll intern u evalwazzjonijiet

Riżorsi umani

FI-2023, l-għadd ta' **persunal statutorju** ⁽⁵⁾ assenjat lill-EUAA baqa' l-istess (505), minkejja ż-żieda fid-domanda ta' appoġġ operazzjonali u kompiti oħra. Persunal allokat addizzjonali kien jinkludi 17-il pożizzjoni ta' aġenti kuntrattwali bbażati fuq proġetti u 90 pożizzjoni ta' aġenti kuntrattwali operazzjonali fuq terminu qasir, li l-Aġenzija ngħatat temporanjament u speċifikament b'rispons għall-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

Minn total ta' 612-il pożizzjoni totali fil-pjan ta' reklutaġġ, 542 (88.6 %) imtlew sa tmiem l-2023.

F'Diċembru 2023, l-Aġenzija adottat **l-istrategġija għar-riżorsi umani** tagħha, li għandha l-għan li tilħaq tliet miri ewlenin:

- tattira it-talent adatt;
- tiġġestixxi, tiżviluppa u tappoġġa l-persunal;
- tinkoraġġixxi ambjent ta' xogħol pożittiv u benesseri tal-persunal.

L-istrategġija se tiġi implimentata permezz ta' pjan ta' azzjoni żviluppat għal kull wieħed mit-tliet miri msemmija hawn fuq u tkopri l-perjodu 2023–2028.

Kontroll intern

FI-2023, l-Aġenzija vvalutat is-17-il prinċipju ta' kontroll intern tagħha bħala kompletament effettivi (7) jew effettivi (10).

Abbażi tal-analiżi tar-riżultati fil-livell tal-prinċipju tal-kontroll intern, ġie konkluż li l-komponenti kollha ta' kontroll intern tal-EUAA huma effettivi jew kompletament effettivi. Dawn qed jaħdmu kif maħsub, b'titjib meħtieġ biex jiġu indirizzati nuqqasijiet moderati jew minuri.

L-informazzjoni dwar in-nuqqasijiet ta' kontroll intern u l-azzjonijiet korrettivi korrispondenti hija disponibbli fuq [is-sit web tal-EUAA](#).

Evalwazzjonijiet

L-EUAA twettaq evalwazzjonijiet interni jew esterni ta' nofs it-terminu u *ex post* tal-programmi u l-attivitajiet li jinvolve nfiq sinifikanti. FI-2023, l-EUAA kkompletat 10 evalwazzjonijiet. Fi tmiem is-sena, kien hemm 9 evalwazzjonijiet addizzjonali għaddejnin.

Matul l-2023, l-EUAA kienet involuta fl-implimentazzjoni ta' 107 azzjonijiet ta' titjib li jirriżultaw minn 27 evalwazzjoni.

Rapport dettaljat dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija hawn fuq huwa disponibbli fuq [is-sit web tal-Aġenzija](#).

⁽⁵⁾ Il-persunal statutorju jirreferi għall-persunal impjegat mill-Aġenzija f'konformità mar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni.



